# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 10 ta’ Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 25**

**Citaz. Nru. 1020/97GV**

Doc. 136-01

**Rita Mallia**

**-vs-**

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited u Carmel Galea**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi in forza ta’ kuntratt ta’ separazzjont in atti Nutar Dottor Carmel Gafa’ tat-18 ta’ Mejju, 1995 (Dok. A) l-attrici isseparat minn ma’ zewgha l-konvenut Carmel Galea.

Premess illi ai termini tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni l-attrici giet assenjata il-mobbli u l-mobbilja kollha ezistenti fil-fond konjugali 103, Doret Street, Gudja, filwaqt li l-konvenut Carmel Galea gie assenjat il-mobbli u l-mobbilja kollha ezistenti fil-hanut “Al Market” Convent Street, Zabbar.

Premess illi ftit gimghat qabel il-pubblikazzjoni tal-imsernmi kuntratt ta’ separazzjoni

u ad insaputa tal-attrici s-socjeta' konvenuta kienet ottjeniet sentenza fl-1 ta' Marzu, 1995 kontra l-konvenut Carmel Galea u ezegwit mandat ta' qbid kawtelatorju numru 866/95AS (Dok. B) fit-3 ta' Marzu, 1995 fuq parti mill-mobbli msemmija u cioe' television, video, salott u kamra tal-ikel;

Premess illi illum l-oggetti maqbuda huma proprjeta' esklussiva tal-attrici.

Premess illi inoltre l--oggetti maqbuda permezz tal-mandat kawtelatorju *de quo* m'humiex soggetti li jinqabdu b'rnandat ta' qbid u dan ai termini tal-artikolu 304 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Premess illi l-attrici ma kienitx parti fil-kawza fuq irnsemmija u ghalhekk is-sentenza ottenuta mis-socjeta' konvenuta kontra Carmel Galea ma taghmilx stat *di fronte* ghaliha u konsegwentement ma tistax tigi ezegwita fuq proprjeta' taghha.

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara iIIi l-oggetti maqbuda permezz tal-mandat ta' qbid kawtelatorju 866/95AS huma eccettwati ai termini tal-artikolu 304 (a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili kif ukoll illi huma proprjeta' taghha;

2. Tiddikjara illi s-sentenza fI-ismijiet "Av. Dr. Austin Sammut nomine vs Carmel Galea" moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-1 ta' Marzu, 1995 ma taghmilx stat *di fronte* ghall-attrici.

3. Tirrevoka u thassar !-ezekuzjoni tal-mandat *de quo* minn fuq l-oggetti fuq imsemmija.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited a fol. 16 fejn eccepiet :

Ii t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bI-spejjez ghar-ragunijiet segwenti:

• Illi n-negozju Ii abbazi tieghu giet intavolata ii-kawza deciza fl-1 ta' Marzu, 1995, u sussegwentement il-mandat numru 866/95 AS kien sehh matul I-ezistenza tal-kommunjoni tal-akkwisti bejn l-attrici u l-konvenut Galea, u ghalhekk iI-kuntratt ta' separazzjoni Ii gie iffirmat bejn il-konjugi wara Ii nghatat is-sentenza fuq imsemmija m'ghandux jikkostitwixxI stat fil-konfront ta' terzi bhal ma hija l-eccipjenti;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, I-oggetti maqbuda permezz tal-imsemmi mandat ta' qbid ma jikkwalifikawx bhala oggetti ezentati taht I-artikolu 304(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi inoltre l-eccipjenti mghandhiex tbati spejjes ta' din il-procedura stante li t-talbiet attrici setghu jigu mresqsa perrnezz ta' procedura anqas oneruza.

Rat li Carmel Galea debitament notifikat baqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jitrattaw:

**TALBA**

L-attrici qed titlob li dina l-Qorti: tiddikjara illi l-oggetti maqbuda permezz tal-mandat ta' qbid kawtelatorju 866/95AS huma eccettwati ai termini ta' l-artikolu 304(a) tal-Kap 12 kif ukoll illi huma proprejta' taghha;

tiddikjara illi s-sentenza fl-ismijiet Av. Dr. Austin Sammut noe vs Carmel Galea moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-1 ta' Marzu, 1995 ma taghmilx stat *di fronte* ghall-attrici;

tirrevoka u thassar l-ezekuzzjoni tal-mandat *de quo* minn fuq l-oggetti fuq imsemmija.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew: in-negozju li abbazi tieghu giet intavolata l-kawza deciza fl-1 ta' Marzu, 1995 u sussegwentement il-mandat numru 866/95AS kien sehh matul l-esistenza tal-kommunjoni ta' l-akkwisti bejn l-attrici u l-konvenut Galea, u ghalhekk il-kuntratt ta' separazzjoni li gie ffirmat bejn il-konjugi wara li nghatat is-sentenza fuq imsemmija, m'ghandux jikkostitwixxi stat fil-konfront ta' terzi bhalma hija l-eccipjenti;

l-oggetti maqbuda permezz tal-mandat ta' qbid ma jikkwalifikawx bhala oggetti ezenti taht l-artikolu 304(a) tal-Kap 12;

l-eccipjenti m'ghandhiex tbati spejjez ta' dina l-procedura stante li t-talbiet attrici setghu jigu mressqa permezz ta' procedura anqas oneruza.

**PROVI**

**L-attrici** xehdet li hi sseparat ufficjalment fit-18 ta' Mejju, 1995. Qabel dik id-data hi kienet tghix fl-istess dar ma zewgha. Meta kien mar il-marixall l-ewwel darba hi lanqas kienet id-dar u zewgha ma kienx qallha li kellu kawza ma' Mizzi u li kien mar il-Marixxall u qabad l-affarijiet mid-dar. Meta gie il-Marixxal f'Mejju hi marret tkellem lill Avukat taghha. Hi ma kienitx taf, meta zewgha assenjalha sehemha mill-kommunjoni, li dawn kienu diga' maqbuda.

**Martin Sapiano**, credit controller mas-socjeta' konvenuta, xehed li kienet saret kawza kontra Carmel Galea ghal bilanc ta' Lm667 u wara sar mandat. Meta marru biex jesegwixxu l-attrici kienet qalet li l-affarijiet kienu taghha.

**Dr. Peter Fenech** xehed li hu rapprezentant legali tas-socjeta' konvenuta. Kienu ttiehdu proceduri legali kontra Galea u l-kawza kienet intrebhet. Sar mandat kawtelatorju u ma semghu xejn. Wara s-sentenza meta marru biex jelevaw l-attrici kienet infurmat lill ufficjali tal-Qorti li l-oggetti kienu taghha. Wara kienet urithom kuntratt ta' separazzjoni datat 18 ta' Mejju, 1995 pero' ghalihom meta saret l-ezekuzzjoni l-affarijiet kienu tal-kommunjoni. Il-mandat kien gie ezegwit fit-3 ta' Marzu, 1995. L-attrici ma kienitx gabet prova (ez. ricevuti) li l-affarijiet kienet xtrathom hi.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Kien sar mandat ta' qbid kawtelatorju fl-24 ta' Frar, 1995 kontra Carmel Galea (Dok a fol. 41) u nqabdu l-oggetti indikati a fol. 42. Il-kawza kontra Galea kienet giet deciza fl-1 ta' Marzu, 1995 u l-elevazzjoni bil-mandat saret fit-3 ta' Marzu, 1995. Wara fit-18 ta' Mejju, 1995 sar il-kuntratt ta' separazzjoni Dok A a fol. 5.

Mill-provi jirrizulta ghalhekk li s-separazzjoni saret kwazi tlett xhur wara li l-oggetti gew maqbuda. Ghalhekk il-konvenuti huma korretti meta jsostnu li n-negozju ma Galea kien sar waqt li l-konjugi Galea kienu ghadhom mizzewgin u li l-affarijiet maqbuda kienu jappartjenu lill kommunjoni ta' l-akkwisti.

L-attrici qed issostni li hi ma kienitx taf meta zewgha assenjalha sehemha mill-kommunjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni li dawn kienu diga maqbuda. Izda dana l-argument ma jregiex fil-konfront tal-konvenuti u se mai l-attrici ghandha azzjoni kontra zewgha jekk dana verament ingannaha.

Kwantu ghas-sottomissjoni ta' l-attrici li l-oggetti maqbuda bil-mandat huma ezenti taht l-artikolu 304(a) tal-Kap 12 dana l-artikolu jipprovvdi li:

M'humiex suggetti ghal qbid

(a) l-ilbies ta' kuljum, is-sodod u dawk l-affarijiet tal-kcina u l-ghamara li jitqiesu ragjonevolment mehtiega ghall-ghejxien b'mod decenti tad-debitur u tal-familja tieghu.

Il-marixxal kien qabad Television, vjolin, salott u kamra ta' l-ikel. Dawn huma oggetti li minghajrhom id-debitur jista' ragjonevolment jghaddi u jista' jiddobba mod iehor. Minghajr salott tista' tghix. L-artikolu 304 jitkellem dwar affarijiet tal-kcina u mhux il-kamra tal-ikel.

Kwantu ghas-sottomissjoni ta' l-attrici li l-Marixall m'elevax l-oggetti, dana gara minhabba l-opposizzjoni ta' l-attrici li kienet qed tippretendi li l-oggetti maqbuda kienu jappartjenu lilha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tilqa’ ll-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attrici.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**